



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15837/22
ADD 4

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0402(CNS)

JUSTCIV 167
FREMP 261
JAI 1654
IA 219

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 392 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĪDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2022) 392 final.

Mehmuż: SWD(2022) 392 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.12.2022
SWD(2022) 392 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[\[...\]](#)

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Regolament tal-Kunsill

dwar il-ġurizzazzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi fi kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur

{COM(2022) 695 final} - {SEC(2022) 432 final} - {SWD(2022) 390 final} -
{SWD(2022) 391 final}

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhi l-problema u x'inhuma l-kawżi u l-konsegwenzi tagħha?

Il-President tal-Kummissjoni von der Leyen fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni fl-2020, qalet li “Jekk inti ġenitur f’pajjiż wieħed, inti ġenitur f’kull pajjiż.” B’din id-dikjarazzjoni, il-President rreferiet għall-ħtieġa li jiġi żgurat li l-istat ta’ ġenitur stabbilit fi Stat Membru wieħed jiġi rikonoxxut fl-Istati Membri l-oħra kollha.

Il-Kummissjoni saret konxja permezz tal-ilmenti taċ-ċittadini, il-petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew u l-proċedimenti ġudizzjarji li l-familji jistgħu jiltaqgħu ma’ diffikultajiet sabiex ikollhom l-istat ta’ ġenitur tat-tfal tagħhom rikonoxxut f’ sitwazzjonijiet transfruntieri fl-UE.

Il-kawżi tal-**problemi bir-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur** huma: (i) ir-regoli diverġenti tal-Istati Membri dwar l-istabbiliment tal-istat ta’ ġenitur f’ sitwazzjonijiet domestiċi (regoli sostantivi) u f’ sitwazzjonijiet transfruntieri (regoli tal-dritt applikabbli); (ii) ir-regoli diverġenti tal-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur stabbilit barra mill-pajjiż; u (iii) l-assenza ta’ regoli dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur fi strumenti legali eżistenti tal-UE u fil-livell internazzjonali.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QĠUE) tirrikjedi li l-Istati Membri jirrikonoxxu l-istat ta’ ġenitur stabbilita fi Stat Membru ieħor għall-finijiet tad-drittijiet derivati mid-dritt tal-UE, b’mod partikolari d-drittijiet li wild igawdi skont id-dritt tal-UE dwar il-moviment liberu, inkluża d-Direttiva 2004/38/KE. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-QĠUE, l-Istati Membri bħalissa ma humiex obbligati jirrikonoxxu l-istat ta’ ġenitur ta’ wild għal skopijiet oħra¹. In-nuqqas ta’ rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur għal skopijiet oħra jista’ jkollu konsegwenzi negattivi sinifikanti għat-tfal f’ sitwazzjonijiet transfruntieri.

Tali nuqqas ta’ rikonoxximent jinterferixxi mad-drittijiet fundamentali tat-tfal, b’mod partikolari d-dritt għall-identità, id-dritt għan-nondiskriminazzjoni u d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja. Id-drittijiet li t-tfal jiksibu mill-istat ta’ ġenitur skont id-dritt nazzjonali jistgħu jiġu miċħuda wkoll. Għalhekk, it-tfal jistgħu jitilfu, fir-rigward ta’ wieħed mill-ġenituri, id-dritt tagħhom għall-manteniment, suċċessjoni jew kustodja, jew id-dritt tagħhom li wieħed mill-ġenituri tagħhom jaġixxi bħala r-rappreżentant legali tagħhom fi Stat Membru ieħor fi kwistjonijiet bħall-edukazzjoni, it-trattamenti mediċi, il-ftuħ ta’ kont bankarju jew l-ġestjoni tal-proprjetà tagħhom.

In-nuqqas ta’ rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur kultant iwassal biex il-familji jidħlu f’ litigazzjoni sabiex l-istat ta’ ġenitur tal-wild tagħhom tiġi rikonoxxuta fi Stat Membru ieħor. Madankollu, dawn il-proċedimenti jinvolvu kostijiet, żmien u piż sinifikanti u għandhom riżultati incerti². Barra minn hekk, in-nuqqas ta’ rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur għandu effett negattiv fuq il-benesseri tat-tfal u tal-familji tagħhom. Fl-aħħar mill-aħħar, in-nuqqas ta’ rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur jista’ jiskoraġġixxi lit-tfal u lill-familji tagħhom milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu minħabba l-biża’ li l-istat ta’ ġenitur tal-wild tagħhom ma jiġix rikonoxxut fi Stat Membru ieħor għall-finijiet kollha.

X’jenħtieġ li jinkiseb?

L-objettiv ġenerali tal-azzjoni tal-UE huwa li jkun iffaċilitat ir-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur bejn l-Istati Membri permezz tal-adozzjoni ta’ regoli komuni fil-livell tal-UE. Dawn ir-regoli komuni jkollhom l-għan li jilhqgħu l-**objettivi speċifiċi** li ġejjin:

- jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tat-tfal fi kwistjonijiet li jikkonċernaw ir-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur;

¹ Dan jinkludi r-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur għal finijiet regolati mid-dritt nazzjonali, bħall-istatus legali tal-persuni, id-drittijiet tas-suċċessjoni u tal-manteniment.

² Il-kostijiet għall-proċeduri ta’ rikonoxximent imġarrba minn familji transfruntieri li jiffaċċjaw problemi bir-rikonoxximent tal-istat ta’ ġenitur huma bħala medja 16-il darba ogħla mill-kostijiet imġarrba mill-familji f’każijiet mhux problematiċi. It-tul tal-proċeduri ta’ rikonoxximent ivarja wkoll b’mod sinifikanti skont il-komplessità tal-każ, li jvarja minn bosta ġimġat u xhur sa bosta snin.

• jiġu żgurati ċ-ċertezza legali, il-prevedibbiltà u l-kontinwità tal-istat ta' ġenitur fl-UE; • jitnaqqsu l-kostijiet u l-piż legali u amministrattiv għall-familji kif ukoll għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-qrati tal-Istati Membri b'rabta mal-proċeduri għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur.
B. Soluzzjonijiet
X'inhuma l-għażliet differenti sabiex jinkisbu l-oġġettivi?
Il-proposta tkun ibbażata fuq l-Artikolu 81(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar l-adozzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transfruntieri. Ġew ikkunsidrati l-għażliet ta' politika li ġejjin: • Għażla 0: Xenarju bażi • Għażla 1: Rakkomandazzjoni indirizzata lill-Istati Membri • Għażla 2: Miżura leġiżlattiva: proposta għal regolament dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri • Għażla 3: Miżura leġiżlattiva: proposta għal regolament dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri (l-istess bħall-għażla politika 2), inkluż il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur fakultattiv. L-għażliet kollha jkopru r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur kemm tat-tfal kif ukoll tal-adulti. Dawn l-opzjonijiet kollha, inkluż ix-xenarju bażi, ikunu akkumpanjati minn miżuri mhux leġiżlattivi sabiex tinħoloq sensibilizzazzjoni, jiġu promossi Prattiki tajbin u tittejjeb il-koooperazzjoni fost l-awtoritajiet pubbliċi li jitrattaw il-kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur.
X'inhuma l-għażla ta' politika ppreferuta?
L-għażla ta' politika ppreferuta hija l-Għażla 3, jiġifieri, proposta għal regolament dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur bejn l-Istati Membri inkluż il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur fakultattiv. Il-proposta tkun tinkludi: - regoli komuni dwar il-ġurisdizzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur; - regoli komuni dwar il-dritt applikabbli għall-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri; - regoli komuni għar-rikonoxximent fi Stat Membru ta' deċiżjonijiet tal-qorti u strumenti awtentiċi dwar kwistjonijiet tal-istat ta' ġenitur maħruġ fi Stat Membru ieħor; u - l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur. Din l-għażla tiffaċilita b'mod sinifikanti r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor għal kważi żewġ miljun tifel u tifla li huma stmata li jinsabu f'sitwazzjonijiet transfruntieri u mhux biss għal dawk li bħalissa qed jiffaċċjaw l-aktar problemi serji bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tagħhom. Iċ-Ċertifikat Ewropew tal-Istat ta' Ġenitur fakultattiv ikun imfassal speċifikament għall-użu fi Stat Membru ieħor, u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-familji kollha f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Il-proposta tikkonċerna r-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet tal-qorti u tal-istrumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur maħruġ fi Stat Membru. Ir-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet tal-qorti u tal-istrumenti awtentiċi dwar l-istat ta' ġenitur maħruġa f'pajjiż mhux tal-UE jibqa' soġġett għad-dritt nazzjonali. Il-proposta ma taffettwax ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur għall-finijiet tad-drittijiet li t-tfal jiksibu mid-dritt tal-UE, inkluż dwar il-liġi dwar il-moviment liberu. Il-proposta jkollha l-aħjar interessi tat-tfal bħala l-kunsiderazzjoni primarja tagħha u tkun tapplika għar-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur tat-tfal kollha irrispettivament miċ-ċirkostanzi tat-tneiss jew tat-twelid tagħhom u tat-tip ta' familja tagħhom.
C. Impatti tal-għażla ppreferuta
X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta?
L-adozzjoni ta' regoli komuni tiffaċilita r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur u jkollha impatt pożittiv fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri. L-għażla ta' politika 3 tkun l-aktar effettiva fl-

indirizzar tal-problema tan-nuqqas ta' rikonoxximent u għalhekk fil-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-inizjattiva.

L-għażla ppreferuta jkollha prinċipalment **impatt legali**. Dan jiżgura l-kontinwità tal-istat ta' ġenitur tat-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri għall-finijiet kollha u jkollu impatt pożittiv ċar fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tat-tfal, inkluż id-dritt tagħhom għall-identità, għan-nondiskriminazzjoni u għall-ħajja privata u tal-familja, kif ukoll fuq id-drittijiet li t-tfal jiksibu mill-istat ta' ġenitur skont id-dritt nazzjonali, bħad-dritt tagħhom għal manteniment, suċċessjoni jew kustodja fir-rigward ta' kwalunkwe wieħed mill-ġenituri tagħhom. Billi ttiprovdi ċertezza legali dwar ir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur fi Stat Membru ieħor għall-finijiet kollha, l-għażla ppreferuta jkollha impatt pożittiv fuq l-eżerċitar tad-dritt għall-moviment liberu mit-tfal u mill-familji tagħhom.

L-għażla ppreferuta jkollha **impatt soċjali** pożittiv, peress li din twassal biex it-tfal f'sitwazzjonijiet transfruntieri jiġu ttrattati bl-istess mod bħat-tfal lokali. Dan ikollu wkoll **impatt psikoloġiku** pożittiv fuq it-tfal u l-familji tagħhom peress li l-każijiet ta' nuqqas ta' rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jonqsu.

Permezz tal-adozzjoni ta' regoli komuni tal-UE, l-għażla ppreferuta **tissimplifika l-proċeduri** u dan jirriżulta f'iffrankar sinifikanti f'termini ta' kostijiet, ħin u piż kemm għall-familji f'sitwazzjonijiet transfruntieri kif ukoll għall-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri.

- Skont l-għażla politika ppreferuta, il-kostijiet għall-proċeduri ta' rikonoxximent u l-għadd ta' proċedimenti tal-qorti li jfittxu r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur jitnaqqsu b'mod sinifikanti. Għe stmat li l-kostijiet medji għal kull każ ta' proċeduri ta' rikonoxximent jonqsu b'71 %, u b'90 % għal daww il-familji li bħalissa jiffaċċjaw l-aktar problemi serji bir-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur³.
- Għall-istess raġuni, l-għażla ppreferuta twassal għal iffrankar sinifikanti f'termini ta' kostijiet, ħin u piż għall-awtoritajiet u l-qrati tal-Istati Membri. Huwa stmat li l-kostijiet għall-proċeduri ta' rikonoxximent imġarrba mill-awtoritajiet pubbliċi jonqsu b'54 %.

L-impatti makroekonomiċi u ambjentali tal-għażla ppreferuta ma jkunux sinifikanti.

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta?

L-għażla ppreferuta ma tiġġenera l-ebda kost għat-tfal jew għall-familji f'sitwazzjonijiet transfruntieri.

Il-kostijiet li l-għażla ppreferuta tiġġenera għall-Istati Membri jkunu moderati u fil-biċċa l-kbira meġhluha mill-kisbiet fl-effiċjenza li jirriżultaw mill-għażla ppreferuta.

X'inhu l-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà) u l-azzjoni tkun proporzjonata?

Il-problema tan-nuqqas ta' rikonoxximent tirriżulta l-aktar mid-diverġenza fir-regoli tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' stat ta' ġenitur b'implikazzjonijiet transfruntieri. Din il-problema ma tistax tiġi solvuta billi l-Istati Membri jaġixxu waħedhom. Għalhekk, l-oġġettivi tal-inizjattiva jintlaħqu aħjar fil-livell tal-UE f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

L-inizjattiva tkun tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità peress li ma tfixkilx il-kompetenza tal-Istati Membri għall-adozzjoni tad-dritt sostantiv tal-familja, inkluża d-definizzjoni tal-familja u l-istabbiliment tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet domestiċi, jew ir-regoli tal-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent ta' żwigiġiet jew sħubijiet reġistrati konklużi barra mill-pajjiż.

³ Minn medja stmata ta' EUR 5 856 għal EUR 578 għal kull każ għall-familji li bħalissa jiffaċċjaw l-aktar problemi serji b'rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur.